# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Gunju, 2001

**Numru : 22**
**Citaz. numru : 712/01/RCP**

**George Borg Limited**

**vs**

**MA Supermarkets Limited u Mark Debono**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li bih is-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi s-societa konvenuta hija debitrici tas-societa attrici fl-ammont ta' hames t'elef erba mija disa u erbghin liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm5449.10) rappresentanti bilanc dovut wara bejgh u konsenja ta' merkanzija lis-societa konvenuta.

Illi l-konvenut Mark Debono personalment iggarantixxa l-hlas skond kuntratt dok A.

Illi ghalkemm interpellata sabiex thallas l-ammont dovut s-societa konvenuta ma hallset xejn.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur qieghed jippresenta, ma din ic-citazzioni affidavit guramentat skond artikolu 167 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok B).

L-istess socjeta` attrici talbet li ghalhekk is-societa konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

2. tikkundanna lis-societa konvenuta u lil Mark Debono bhala garanti sabiex ihallsu lis-societa attrici s-somma ta' hamest elef erba mija disa u erbghin liri Maltin u ghaxar centezini (Lm5449.10) liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

Bl-ispejjes ikluzi dawk tal-mandat ta' qbid u mandat ta' sekwestru presentati fl-20 ta' April 2001, kontra s-societa konvenuta u kontra Mark Debono li minn issa huma ngjunti ghas-subizzjoni. BI-imghax.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** fuq ammissjoni tal-konvenut billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedota fic-citazzjoni b'dan illi:

2. tikkundanna lis-societa konvenuta u lil Mark Debono bhala garanti sabiex ihallsu lis-societa attrici s-somma ta' hamest elef erba mija disa u erbghin liri Maltin u ghaxar centezini (Lm5449.10) liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

Bl-ispejjes ikluzi dawk tal-mandat ta' qbid u mandat ta' sekwestru presentati fl-20 ta' April 2001, kontra s-societa konvenuta u kontra Mark Debono. Bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**14 ta' Gunju 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**14 ta' Gunju 2001**